**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju 2020**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek jgħix ma' mara miżżewġa li għalkemm ma hijiex martu ilu f'relazzjoni magħha dawn l-aħħar tliet snin. Din il-mara għandha żewġt itfal minorenni minn żewġha li issa hija mifruda *de facto* minnu, u bejn il-mara u żewġha hemm pendenti quddiem il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, kawża għal firda bejn il-miżżewġin. B'dikriet mogħti waqt il-pendenza tal-kawża r-raġel ingħata aċċess għall-ulied u l-mara ngħatat il-kura u l-kustodja, b'dan iżda illi ma għandhiex tippermetti li t-tfal ikunu fil-preżenza tal-klijent tiegħek. Il-klijent tiegħek jgħid illi dan huwa indħil fir-relazzjoni bejnu u omm it-tfal. Hejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek ifittex rimedju.

2. Il-klijent tiegħek, li għandu b'kera ħanut mikri lilu b'kitba privata tal-1 ta' Jannar 2019, ġie mħarrek f' Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minn terza persuna li qiegħda tfittex l-iżgumbrament tiegħu għax tgħid illi l-fond huwa proprjetà tagħha. Hejji tweġiba għar-rikors maħluf li bih ġie notifikat il-klijent tiegħek.

3. Il-klijent tiegħek ġie notifikat b'avviż illi proprjetà immobbli tiegħu hija meħtieġa għal skop pubbliku u sejra tiġi akkwistata mill-gvern. Hu ma jaqbilx illi l-proprjetà hija tassew meħtieġa għal skop pubbliku. Hejji l-att meħtieġ biex issir kontestazzjoni tal-iskop pubbliku.

4. Il-klijent tiegħek, li huwa negozjant, kellu impjegat li telaq l-impjieg miegħu u qiegħed ifittex li jimpjega ruħu ma' kompetitur tiegħu. Il-klijent tiegħek fetaħ kawża biex iżomm lill-*ex*-impjegat milli jagħmel dan u qiegħed jistrieħ fuq klawsola fil-kuntratt ta' impjieg li żżomm lill-impjegati tiegħu milli jimpjegaw ruħhom ma' kompetituri tiegħu għal żmien ta' tliet snin wara li jintemm l-impjieg miegħu. L-*ex*-impjegat, konvenut, qiegħed jikkontesta l-validità ta' dik il-klawsola għax jgħid illi trażżan in-negozju. Hejji nota ta' osservazzjonijiet biex twieġeb għal dan l-argument tal-konvenut.

5. Hejji (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek bħala werriet jiġi kundannat iħallas legat imħolli lill-attur fit-testment tal-mejjet; u (b) kontro-talba biex l-attur jikkonsenja lill-klijent tiegħek ħwejjeġ tal-wirt li jinsabu f'idejh.

6. Hejji appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-klijent tiegħek ħati ta' vjolenza u theddid kontra uffiċjal pubbliku u ikkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal ħames snin u multa ta' għaxart elef euro; il-klijent jixtieq illi jappella kemm mis-sejbien ta' ħtija kif ukoll mill-piena. Hejji l-att meħtieġ għalhekk.

## Parti B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. (a) X'miżuri għandu jimplimenta avukat biex jara illi s-servizzi tiegħu ma jinqediex bihom min ifittex li jaħsel flus ġejjin minn attivitajiet illeċiti u (b) x'għandu jagħmel avukat meta jintebaħ, wara li jkun beda jassisti klijent, li dak il-klijent qiegħed jinqeda bis-servizzi tiegħu għall-ħasil ta' flus?

2. X'għandu jagħmel avukat jekk klijent jitolbu jappella minn sentenza kontra tiegħu għalkemm il-klijent stess jaf illi ma għandux raġun u l-appell irid jagħmlu biss biex jaħli ż-żmien u jivvessa lill-parti l-oħra?

3. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.